MALTA

# QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

**ONOR. IMHALLEF**
**NOEL CUSCHIERI**

Seduta tas-16 ta' Ottubru, 2007

Citazzjoni Numru. 419/2004

Citazzjoni Nru.  419 / 04NC

Kawza fil-lista:  22

**A B**
**vs**
**C D**

**Il-Qorti,**

Rat l-att tac-citazzjoni li permezz tieghu l-attrici ppremettiet u talbet hekk:

Premess illi l-kontendenti kkontrattaw iz-zwieg fir-Registru taz-Zwigijiet, ir-Registru Pubbliku, Valletta fil-11 ta’ Gunju 2004.

Premess illi l-kunsens ta’ l-attrici inkiseb b’ qerq dwar xi kwalita’ tal-parti l-ohra li tista’ mix-xorta taghha tfixkel serjament il-hajja mizzewga.

Premess illi l-kunsens tal-konvenut kien vizzjat b’ difett serju ta’ diskrezzjoni ta’ gudizzju fuq il-hajja mizzewga jew fuq id-drittijiet u dmirijiet essenzjali taghha jew b’ anomalija psikologika serja li ghamlitha impossibli ghall-konvenut li jaqdi l-obbligazzjonijiet essenzjali tal-hajja mizzewga.

Premess illi l-kunsens ghaz-zwieg inkiseb bl-eskluzjoni pozittiva ta’ xi wiehed jew aktar mill-elementi essenzjali tal-hajja mizzewga.

Premess illi l-konvenut, ghalkemm ma kienx interdett jew marid b’ mohhu, ma kellux fiz-zmien li sar iz-zwieg ukoll minhabba raguni temporanja setghat intellettwali jew ta’ rieda bizzejjed biex jinholoq kunsens ghaz-zwieg.

Jghid ghalhekk l-istess konvenut ghaliex m’ ghandhiex din il-Qorti:-

Tiddikjara u tiddeciedi illi z-zwieg celebrat mill-kontendenti fil-11 ta’ Gunju, 2004, huwa null ghall-finijiet u effetti kollha tal-ligi.

Bl-ispejjez kontra l-konvenut ingunt ghas-subizzjoni.

Rat li l-konvenut fl-udjenza tal-11 ta’ Ottubru 2007 ddikjara li jaqbel mat-talba attrici;

Rat id-dikjarazzjonijiet guramentati tal-partijiet, il-listi tax-xhieda, u l-affidavits prezentati;

Rat l-atti kollha tal-kawza;

Semghet lill-partijiet bil-gurament;

Ikkunsidrat;

**Azzjoni**

Illi permezz ta' l-azzjoni odjerna l-attrici qeda titlob dikjarazzjoni gudizzjali fis-sens li z-zwieg taghha kuntrattat mal-konvenut fil-11 ta' Gunju 2004 huwa null fil-ligi, stante li l-kunsens matrimonjali taghha huwa vizzjat fit-temini tal-paragrafi [c] ta' l-artikolu 19[1] tal-Kap.255, filwaqt li dak tal-konvenuta huwa vizzjat fit-termini tal-paragrafi [d][f] u [h] ta' l-istess artikolu.

**Kwadru tal-fatti**
Il-Qorti semghet lill-partijiet jiddeponu u taghtihom affidament.

Mill-provi jirrizulta li l-partijiet izzewwgu fil-11 ta' Gunju 2004 meta allura l-attrici, cittadina morokkina, kellha 35 sena, filwaqt li l-konvenut, cittadin malti, kellu 19-il sena, u wara li kienu ilhom jafu lil xulxin circa tlett xhur li matulhom l-attrici kienet Malta ghall-vakanza. Wara circa <u>sena u erba xhur</u> ta' konvivenza matrimonjali l-partijiet isseparaw de facto.  Minn dan iz-zwieg ma twieldux tfal.

L-attrici tispjega li l-inkwiet principali ta' bejniethom kien jorigina kollu minhabba d-differenza fir-religjon li l-partijiet kienu jhaddu. Hija tghid li hija thaddan il-fidi musulmana u riedet tkompli tosserva skrupulosament id-dettami ta' dan ir-religjon anke wara z-zwieg, filwaqt li l-konvenut ma kienx jirrispetta din ix-xewqa taghha partikolarment fejn kien jihdol l-ikel li l-partijiet kienu jieklu. Minn naha tieghu l-konvenut ikkonferma dan, u jghid li hu, peress li ma kienx musulman ma kellu la xewqa u wisq anqas obbligu li jirrispetta d-dettami ta' dan ir-religjon. Dan kien igib hafna disgwid bejn il-partijiet, bir-rizultat li wara ftit zmien tal-konvivenza matrimonjali l-attrici telqet mid-dar.

**Konsiderazzjonijiet tal-Qorti**
Illi din il-Qorti wara li semghet lill-partijiet tosserva li mill-provi jidher li, filwaqt li l-attrici riedet tizzewweg daqshekk malajr biex tkun tista' tibqa' tghix f'Malta, ghalkemm mhux eskluz li hi kellha grazzja mal-konvenut; dan minn naha tieghu accetta li  jizzewweg lill-attrici biex, skond hu, jissetilja u jibni familja, minghajr pero' ma apprezza bizzejjed id-dmirijiet u l-import tal-hajja konjugali ma' mara, li thaddan kultura socjali u religjuza radikalment

differenti minn tieghu, u mara hafna akbar u matura minnu fl-eta' filwaqt li hu kien ghadu zaghzugh.

Il-Qorti f' dan il-kaz tirravvisa l-caput nullitatis da parti taz-zewg partijiet fit-termini ta' l-ewwel parti tal-paragrafu [d] ta' l-artikolu precitat, li jikkontempla l-kaz ta' difett serju fil-parti ta' diskrezzjoni ta' gudizzju fuq id-dmijiet u drittijiet tal-hajja konjugali. Fil-fehma tal-Qorti, la l-attrici u wisq anqas il-konvenut, ma kellhom dak id-dixxerniment, mehtieg ghall-validita' taz-zwieg, dwar l-import tal-konvivenza matrimonjali bejniethom. Iz-zewg partijiet ma fehmux l-obbligu tal-konvivenza diretta lejn il-ben essere reciproku. Din il-mankanza timmanifesta ruhha fil-fatt li, filwaqt li l-attrici riedet timponi fuq il-konvenut il-modus vivendi dettat mir-religjon taghha u li ghall-konvenut jidher li kien piuttost awstier, minn naha tieghu l-konvenut ma kienx kapaci jaghmel ebda sforz sabiex jistabbilixxi modus vivendi accettabbli ghat-tnejn, bir-rizultat li matul konvivenza ta' sena u erba' xhur il-partijiet kienu jillitigaw kostantament u eventwalment l-attrici telqet mid-dar matrimonjali "ghax ma stajtx nissaporti aktar".

Dan premess il-Qorti hi tal-fehma li t-talba attrici hija gustifikata fit-termini ta' l-ewwel parti tal-paragrafu [d] ta' l-artikolu 19[1] Kap.255, u li dan il-caput nullitatis jikkonfigrua fil-konfront taz-zewg partijiet.

**Decide**

Ghal dawn il-motivi billi tilqa' t-talba attrici, u tiddikjara null u bla effett fil-ligi z-zwieg civili kuntrattat bejn il-partijiet fil-11 ta' Gunju 2004. L-ispejjez ghandhom jigu sopportati mill-partijiet fi kwoti wgwali.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------